SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

12 ta’ Ottubru 2016*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Artikolu 4(1) u (4) — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 9 u 11 — Kunċett ta’ “persuna taxxabbli” — Soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili li jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom taħt trade mark komuni u permezz ta’ kumpannija b’kapital azzjonarju — Kunċett ta’ “impriżi indipendenti” — Rifjut tal-klassifikazzjoni ta’ persuna taxxabbli — Retroattività — Sitt Direttiva 77/388 — Artikolu 25 — Direttiva 2006/112 — Artikoli 272 u 296 — Skema b’rata fissa għall-bdiewa — Esklużjoni tal-iskema b’rata fissa — Retroattività”

Fil-Kawża C-340/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesfinanzgericht (qorti federali tal-finanzi, l-Awstrija), permezz ta’ deċiżjoni tad-29 ta’ Ġunju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta’ Lulju 2015, fil-proċedura

**Christine Nigl *et***

vs

**Finanzamt Waldviertel,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Vilaras (Relatur), J. Malenovský M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta’ April 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Christine Nigl *et*, minn H. Nigl, Avukat, u J. Auer,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, S. Pfeiffer u F. Koppensteiner, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Lyal u M. Wasmeier, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta’ Ġunju 2016,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 35, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/66/KE, tas-26 ta' April 2004 (ĠU 2004, L 168, p. 35, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva") u bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/CE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347 p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva VAT").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-membri tal-familja Nigl, membri ta' tliet soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili li kollha jagħmlu l-inbid, u l-Finanzamt Waldviertel (awtoritajiet tat-taxxa ta' Waldviertel, l-Awstrija, iktar 'il quddiem l-"awtoritajiet tat-taxxa") dwar, minn naħa, id-determinazzjoni tal-kwalità ta' persuna taxxabbli għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u, min-naħa l-oħra, ir-rifjut li japplikaw l-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili.

## Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Is-Sitt Direttiva

3 L-Artikolu 4 tas-Sitt Direttiva, intitolat "Persuni taxabbli" jipprovdi:

"1. Persuna taxxabbli tfisser kull persuna li b'mod indipendenti twettaq fi kwalunkwe post attività ekonomika msemmija fil-paragrafu 2, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività."

2 L-attivitajiet ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-attivitajiet kollha ta' produtturi, kummerċjanti u persuni li jagħtu, magħduda attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skop ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandu wkoll jitqies bħala attività ekonomika".

[...]

4. L-użu tal-frażi "b'mod indipendenti" fil-paragrafu 1 għandha teskludi mit-taxxa persuni mpjegati jew persuni oħra sakemm huma jkunu marbutin ma' min jimpjega b'kuntratt ta' impjieg jew b'kull irbit legali ieħor li joħloq ir-relazzjoni ta' bejn min jimpjega u impjegat dwar kondizzjonijiet ta' xogħol, ħlas u responsabbiltà ta' min jimpjega.

Bla ħsara għall-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29, kull Stat Membru jista' jqis bħala persuna taxxabbli waħedha persuni stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż li, filwaqt li huma indipendenti legalment, ikollhom x'jaqsmu mill-qrib ma' xulxin b'rabtiet finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi.

[...]"

4 L-Artikolu 25 tas-Sitt Direttiva, intitolat "Skema komuni [b']rata fissa għall-bdiewa", jipprevedi li:

"1. Fejn l-applikazzjoni għall-bdiewa ta' l–arranġamenti normali tal-VAT, jew l-iskema speċjali pprovduta fil-Kapitolu 24, x'aktarx li twassal għal diffikultajiet, l-Istati Membri jistgħu japplikaw għall-bdiewa, skond dan il-Kapitolu, skema b' rata fissa mfassla b'mod li tpatti għall-VAT imposta fuq xiri ta' merkanzija u servizzi magħmula mill-bdiewa b' rata fissa.

[...]

9. Kull Stat Membru jista' jeskludi mill-iskema ta' rata fissa ċertu kategoriji ta' bdiewa u bdiewa għal minn l-applikazzjoni ta' l-iskema normali [tal-VAT], jew l-iskema simplifikata provduta fl-Artikolu 24(1), ma tirriżultax f'diffikultajiet amministrattivi.

[...]"

Id-Direttiva VAT

5 L-Artikolu 9(1) tas-Sitt Direttiva, li jinsab fit-Titolu III tagħha, intitolat "Persuni Taxxabbli" jipprovdi:

"'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika."

6 L-Artikolu 10 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Il-kondizzjoni fl-Artikolu 9(1) li l-attività ekonomika titmexxa 'b'mod indipendenti' għandha teskludi mill–VAT persuni impjegati jew persuni oħra sakemm huma jkunu marbutin ma' min jimpjega b'kuntratt ta' impjieg jew b'kull irbit legali ieħor li joħloq ir–relazzjoni ta' bejn min jimpjega u impjegat dwar kondizzjonijiet ta' xogħol, ħlas u responsabbiltà ta' min jimpjega."

7 L-Artikolu 11(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv tal-VAT, kull Stat Membru jista' jikkunsidra bħala persuna taxxabbli waħedha kwalunkwe persuni stabbiliti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru li, filwaqt li huma indipendenti legalment, ikollhom x'jaqsmu mill-qrib ma' xulxin b'rabtiet finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi."

8 Skont l-Artikolu 296(1) u (2) ta' din id-direttiva:

"1. Fejn l-applikazzjoni għall-bdiewa ta' l–arranġamenti normali tal-VAT, jew l-iskema speċjali pprovduta fil-Kapitolu 1, x'aktarx li twassal għal diffikultajiet, l-Istati Membri jistgħu japplikaw għall-bdiewa, skont dan il-Kapitolu, skema b'rata fissa mfassla b'mod li tpatti għall-VAT imposta fuq xiri ta' merkanzija u servizzi magħmula mill-bdiewa b'rata fissa.

2. Kull Stat Membru jista' jeskludi mill-iskema b'rata fissa ċertu kategoriji ta' bdiewa, kif ukoll bdiewa li għalihom applikazzjoni ta' l-arranġamenti normali tal-VAT, jew tal-proċeduri simplifikati previsti fl-Artikolu 281, x'aktarx li ma tirriżultax f'diffikulatjiet amministrattivi."

*Id-dritt Awstrijak*

9 L-Artikolu 2 tal-Umsatzsteuergesetz 1994 (liġi tal-1994 dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, iktar 'il quddiem l-"UStG"), intitolat "Kummerċjant, impriża", jipprevedi:

"1. Kummerċjant huwa persuna li twettaq b'mod indipendenti attività industrijali, kummerċjali jew professjonali. L-impriża tinkludi kull attività industrijali, kummerċjali jew professjonali tal-kummerċjant. 'Attività industrijali, kummerċjali jew professjonali' tfisser kull attività permanenti u eżerċitata sabiex jinkiseb dħul, anki jekk ma hemmx l-intenzjoni li jsir profitt jew raggruppament ta' persuni jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom biss fir-rigward tal-membri tagħhom.

2. L-attività industrijali, kummerċjali jew professjonali ma hijiex eżerċitata b'mod indipendenti:

1) fil-każ li l-persuni fiżiċi huma, individwalment jew flimkien, integrati f'impriża hekk li huma marbutin isegwu l-ordnijiet tal-imprenditur,

2) fil-każ li persuna ġuridika hija suġġetta għar-rieda ta' kummerċjant hekk li ma għandhiex rieda tagħha stess. Persuna ġuridika hija suġġetta għar-rieda ta' kummerċjant hekk li li ma għandhiex rieda tagħha (entità affiljata) jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha ta' fatt, hija integrata fl-impriża fuq il-livelli finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi.

[...]"

10 L-Artikolu 22 tal-UStG jipprovdi li, għall-kummerċjanti li ma humiex suġġetti għall-obbligu li jżommu kontijiet, li jwettqu tranżazzjonijiet fil-kuntest ta' impriża agrikola u tal-foresti, it-taxxa dovuta għal dawn it-tranżazzjonijiet hija stabbilita għal 10% tal-bażi taxxabbli, peress li tali obbligu jiddependi, skont l-Artikoli 124 u 125 tat-Bundesabgabenordnung (kodiċi tat-taxxa federali), fuq il-livell tad-dħul mill-bejgħ u l-valur tal-impriża agrikola.

11 Barra minn hekk, l-Artikolu 1175(1) tal-Allgemeines Bürgerliches Gesetzbuch (kodiċi ċivili Awstrijak) jipprevedi li soċjetà rregolata mid-dritt ċivili tiġi kkostitwita minn żewġ persuni jew iktar li, bi qbil, ikunu ddeċidew flimkien li jwettqu attività bil-ħsieb li jinkiseb għan iddeterminat minnhom flimkien. Ftehim bħal dan ma huwa suġġett għal ebda rekwiżit ta' forma.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

12 Mill-1998, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali eżerċitaw attività ta' impriża ta' tkabbir tal-għeneb permezz ta' tliet soċjetajiet rregolati mid-dritt ċivili, li kull waħda minnhom topera vinji fuq siti differenti u li kienu suġġetti għall-VAT. L-ewwel waħda minn dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili hija kkostitwita minn Martin Nigl u Christine Nigl, it-tieni waħda minn Gisela Nigl (anzjana) u Josef Nigl, u t-tielet soċjetà minn Martin Nigel u Gisela Nigl (iż-żgħira). Ebda kuntratt bil-miktub ma ġie redatt matul il-ħolqien tat-tliet soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili.

13 Sabiex ilaħħqu mad-domanda ikbar għal inbejjed ta' kwalità għolja, qasam żviluppat minn Martin Nigl, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ħolqu, matul l-2001, Wein-Gut Nigl GmbH (iktar 'il quddiem is-"soċjetà kummerċjali"). Prinċipalment, din is-soċjetà kemm tixtri inbejjed minn impriżi ta' soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili sabiex tbigħhom lill-bejjiegħa bl-imnut, kif ukoll il-kummerċjalizzazzjoni ta' tali inbejjed mal-konsumaturi final, f'isem u għan-nom ta' kull soċjetà irregolata mid-dritt ċivili kkonċernata. Barra minn hekk, hija tipproduċi l-inbid minn xirjiet mingħand persuni li jkabbru l-għeneb marbuta b'kuntratt u topera lukanda-ristorant.

14 Is-soċjetajiet irregolati taħt id-dritt ċivili kienu suġġetti għal dikjarazzjonijiet mal-awtoritajiet pubbliċi, li fosthom hemm l-awtoritajiet tat-taxxa, li dawn tal-aħħar ikklassifikaw lil dawn is-soċjetajiet bħala persuni taxxabbli indipendenti bħala impriżi, fir-rigward tat-taxxi fuq il-valur miżjud, u bħala impriżi konġunti, fir-rigward tat-taxxa fuq id-dħul.

15 Id-dħul u l-ħruġ tat-tliet soċjetajiet ċivili isirulhom kontijiet separati, permezz ta' kontijiet bankarji separati għal kull waħda minnhom, il-profitti jitqassmu fi ħdan kull soċjetà irregolata mid-dritt ċivili fost il-membri tagħha u ma hemm ebda patrimonju jew kont bankarju komuni għal dawn is-soċjetajiet. Kull soċjetà ċivili topera separatament vinji li huma proprjetà tagħha jew li jinkrew lilha, timpjega ħaddiema b'salarju u għandha t-tagħmir tagħha stess, bħal trakters jew makkinarju. Il-mezzi ta' operazzjoni, għal 15% sa 20% minnhom, jinxtraw b'mod ċentralizzat mis-soċjetà kummerċjali, wara jitqassmu bejn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, skont il-kwantitajiet ta' nbid prodotti. L-ispejjeż operattivi tal-bini u l-ispejjeż tal-gass u tal-elettriku jiġu ffatturati fl-aħħar tas-sena mill-kumpannija kummerċjali.

16 Il-produzzjoni tal-inbid issir separatament għall-impriżi differenti, iżda l-ibbottiljar isir permezz ta' installazzjoni komuni. L-inbejjed prodotti mis-soċjetajiet irregolati taħt id-dritt ċivili huma kkummerċjalizzati taħt trade mark komuni, Weingut Nigl, mis-soċjetà kummerċjali, u mibjugħa għal prezzijiet iffissati b'mod konġunt, il-prezzijiet tax-xiri mill-kumpannija tal-aħħar ikunu ddeterminati bl-applikazzjoni ta' tnaqqis fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha stess. La r-reklamar u lanqas is-sit internet jew it-tariffi ma jirreferu għall-impriżi differenti jew is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili produtturi. Fl-aħħar nett, il-kumpannija kummerċjali twettaq il-kompiti amministrattivi kollha f'isem it-tliet soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili.

17 Sa l-2012, l-awtoritajiet tat-taxxa fiskali kienu jqisu li l-impriża kienet operata minn erba' suġġetti tat-taxxa, jiġifieri t-tliet soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili u l-kumpannija kummerċjali.

18 Wara kontroll fiskali mwettaq matul l-2012, l-awtoritajiet tat-taxxa qiesu li, minħabba l-interkonnessjoni ekonomika u organizzattiva li kien hemm bejn is-soċjetajiet irregolati taħt id-dritt ċivili, il-membri tagħhom kienu kkostitwew, mill-2005, grupp ta' persuni uniku. Skontha, hemm biss sors wieħed ta' dħul, li l-qligħ tiegħu għandu jkun allokat lit-tliet membri differenti tas-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili.

19 Fir-rigward tal-VAT, l-awtoritajiet tat-taxxa qiesu li kienu jeżistu, retroattivament mill-2005, żewġ impriżi suġġetti għat-taxxi, jiġifieri l-grupp ta' persuni uniku, li kien jikkonsisti minn membri tat-tliet soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, u l-kumpannija kummerċjali. Intbagħtu avviżi ta' taxxa dwar il-VAT lill-membri kollha tat-tliet soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili u lill-kumpannija kummerċjali, u, permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Lulju 2012, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' kull waħda mis-soċjetajiet irregolati mid-ċivili kien limitat.

20 Konsegwentement, l-awtoritajiet tat-taxxa kkontestaw l-iskema komuni b'rata fissa tal-bdiewa li l-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili bbenefikaw minnha.

21 Adita b'rikors sabiex tiddetermina jekk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali operawx, bħala impriżi indipendenti, erba' jew biss żewġ impriżi tal-produzzjoni tal-inbid, il-Bundesfinanzgericht (qorti federali tal-finanzi, l-Awstrija) tfakkar li, fid-dritt Awstrijak, kwalunkwe struttura li tidher bħala tali fir-rigward ta' terzi u li tipprovdi b'mod indipendenti servizzi, fis-sens tad-dritt tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, għandha l-kapaċità li tkun impriża, anki jekk hija grupp ta' persuni mingħajr il-kapaċità ġuridika.

22 Barra minn hekk, din il-qorti tirrileva li hija diġà ddeċidiet li, peress li r-Repubblika tal-Awstrija naqset li titlob il-konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv tal-VAT imsemmi fl-Artikolu 29 tas-Sitt Direttiva, impriżi konġunti indipendenti minn xulxin fir-rigward tat-taxxa fuq id-dħul ma jikkostitwixxux impriża unika fir-rigward tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, ikunu x'ikunu r-rapporti u r-relazzjonijiet eżistenti bejniethom.

23 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesfinanzgericht (qorti federali tal-finanzi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Tliet gruppi ta' persuni li huma komposti minn diversi membri ta' familja waħda, li jidhru bħala tali b'mod indipendenti fil-konfront tal-fornituri tagħhom u fil-konfront tal-awtoritajiet pubbliċi, li kull wieħed minnhom għandu, bl-eċċezzjoni ta' żewġ beni ekonomiċi, il-mezzi tal-operat proprji tiegħu, iżda li jikkummerċjalizzaw parti kbira mill-prodotti tagħhom taħt trade mark komuni permezz ta' kumpannija b'kapital azzjonarju li l-ishma tagħha huma miżmuma mill-membri tal-gruppi ta' persuni kif ukoll minn membri oħra tal-familja, huma tliet impriżi indipendenti (persuni taxxabbli)?

2) Fil-każ li t-tliet gruppi ta' persuni ma għandhomx jitqiesu li huma tliet impriżi indipendenti (persuni taxxabbli), huma allura
   a) l-kumpannija b'kapital azzjonarju li tiżgura l-kummerċjalizzazzjoni, jew
   b) grupp ta' persuni kompost mill-membri tat-tliet gruppi ta' persuni, li ma jidhirx bħala tali fis-suq la fil-konfront tal-fornituri u lanqas fil-konfront tal-klijenti, jew
   c) grupp ta' persuni kompost mill-membri tat-tliet gruppi ta' persuni, li ma jidhirx bħala tali fis-suq la fil-konfront tal-fornituri u lanqas fil-konfront tal-klijenti, jew

(3) Fil-każ li t-tliet gruppi ta' persuni ma għandhomx jitqiesu li huma tliet impriżi indipendenti (persuni taxxabbli), ir-rifjut ta' din il-kwalità ta' impriża (persuna taxxabbli)
   a) jista' jiġi invokat fil-konfront tagħhom b'mod retroattiv, jew
   b) jista' jiġi invokat fil-konfront tagħhom fil-futur biss, jew
   c) ma jista' jiġi invokat fil-konfront tagħhom bl-ebda mod,

jekk, inizjalment, dawn il-gruppi ta' persuni kienu, wara kontrolli fiskali, irrikonoxxuti mill-[Uffiċċju tal-finanzi] bħala impriżi indipendenti (persuni taxxabbli)?

4) Fil-każ li t-tliet gruppi ta' persuni għandhom jitqiesu li huma tliet impriżi indipendenti (persuni taxxabbli), dawn il-persuni, bħala persuni li jkabbru l-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid u, għaldaqstant, bħala produtturi agrikoli, huma bdiewa koperti mis-sistema ta' rata fissa f'sitwazzjoni fejn, filwaqt li kull wieħed minn dawn il-gruppi ta' persuni, li jikkooperaw fuq il-livell ekonomiku, jaqa' individwalment taħt is-sistema ta' rata fissa għall-produtturi agrikoli, il-kumpannija b'kapital azzjonarju, grupp ta' persuni speċifiku kkostitwit minn membri tat-tliet gruppi ta' persuni jew grupp ta' persuni speċifiku kkostitwit mill-kumpannija b'kapital azzjonarju u minn membri tat-tliet gruppi ta' persuni huma esklużi minn din is-sistema mid-dritt nazzjonali minħabba d-daqs tal-ażjenda jew minħabba l-forma ġuridika?

5) Fil-każ li s-sistema ta' rata fissa għall-produtturi agrikoli għandha bħala prinċipju tiġi eskluża għat-tliet gruppi ta' persuni, din l-esklużjoni
   a) tapplika b'mod retroattiv,
   (b) jew tapplika biss għall-futur,
   (c) jew ma tapplika bl-ebda mod?"

**Fuq id-domandi preliminari**

24 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fir-rigward tal-perijodu li għalih l-awtoritajiet tat-taxxa kkonstataw li l-membri tat-tliet soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili kienu ħolqu grupp ta' persuni uniku, jiġifieri mill-2005 sal-2012 id-dispożizzjonijiet rilevanti rispettivi tas-Sitt Direttiva u tad-Direttiva VAT għandhom jiġu applikati.

*Fuq l-ewwel domanda*

25 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 4(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva, minn naħa, kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva VAT, min-naħa l-oħra, għandhomx jiġu interpretat fis-sens li diversi soċjetajiet irregolati taħt id-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jidhru bħala tali b'mod indipendenti fir-rigward tal-fornituri tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi u, sa ċertu punt, il-klijenti tagħhom, u li kull waħda minnhom għandha l-produzzjoni tagħha stess billi tuża essenzjalment l-mezzi tagħha tal-produzzjoni, iżda li tikkummerċjalizza ħafna mill-prodotti tagħhom taħt trade mark komuni permezz ta' kumpannija b'kapital azzjonarju, li l-ishma tagħha jinżammu mill-membri ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili kif ukoll minn membri oħra tal-familja kkonċernata, għandhomx jitqiesu bħala impriżi indipendenti suġġetti għall-VAT.

26 Għandu, f'dan ir-rigward jitfakkar li, skont l-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 9 tad-Direttiva VAT, titqies bħala "persuna taxxabbli" kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq attività ekonomika, irrispettivament mill-iskop jew mir-riżultat ta' din l-attività (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, 235/85, EU:C:1987:161, punt 6; tas-16 ta' Settembru 2008, Isle of Wight Council *et*, C-288/07, EU:C:2008:505, punt 27, kif ukoll tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-246/08, EU:C:2009:671, punt 35).

27 Il-kliem użat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva u fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva VAT b'mod partikolari l-frażi "kull persuna", jagħti lill-kunċett ta' "persuna taxxabbli" definizzjoni wiesgħa bbażata fuq l-indipendenza fit-twettiq ta' attività ekonomika fis-sens li kull persuna, fiżika jew ġuridika, kif ukoll organi rregolati bid-dritt pubbliku kif ukoll privat, u anki entitajiet li ma għandhomx personalità ġuridika, li, b'mod oġġettiv, jissodisfaw ir-rekwiżiti li jidhru f'din id-dispożizzjoni, jitqiesu li huma persuni suġġetti għall-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Settembru 2015, Gmina Wrocław, C-276/14, EU:C:2015:635, punt 28).

28 Sabiex tiġi kkonstata l-indipendenza tal-eżerċizzju ta' attività ekonomika, għandu jiġi mistħarreġ jekk il-persuna kkonċernata twettaqx l-attivitajiet tagħha f'isimha, għaliha nnifisha u taħt ir-responsabbiltà tagħha kif ukoll jekk hija ssostnix ir-riskju ekonomiku marbut mat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet (sentenzi tas-27 ta' Jannar 2000, Heerma, C-23/98, EU:C:2000:46, punt 18; tat-18 ta' Ottubru 2007, van der Steen, C-355/06, EU:C:2007:615, punt 23, kif ukoll tad-29 ta' Settembru 2015, Gmina Wrocław C-276/14, EU:C:2015:635, punt 34).

29 Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi li għandha tingħata risposta lill-ewwel domanda.

30 Il-fatt li s-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, joperaw b'mod separat vinji li jappartjenu lilhom jew li nkrew lilhom, ukoll b'mod separat, li kull waħda minnhom tuża, kważi esklussivament, il-mezzi tagħha stess ta' produzzjoni u timpjega l-impjegati tagħha stess, li huma jidhru bħala tali indipendentement fir-rigward tal-fornituri tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi u, sa ċertu punt, il-klijenti tagħhom, juri l-fatt li kull waħda minn dawn il-kumpanniji teżerċita attività f'isimha, għaliha nnifisha u taħt ir-responsabbiltà tagħha.

31 F'dan il-kuntest, l-eżistenza ta' ċerta kooperazzjoni bejn tali soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili u ta' kumpannija b' kapital azzjonarju, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom taħt trade mark komuni, ma hijiex biżżejjed sabiex tikkontesta l-indipendenza ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili fir-rigward ta' din l-aħħar kumpannija.

32 Fil-fatt, il-fatt li tali soċjetajiet irregolati taħt id-dritt ċivili jqiegħdu b'mod komuni parti mill-attivitajiet tagħhom billi jafdawhom lil kumpannija terza juri għażla fl-organizzazzjoni tal-imsemmija attivitajiet u ma jistax jasal li jikkonkludi li dawn is-soċjetajiet ċivili ma joperawx b'mod indipendenti jew li ma jkollhomx ir-riskju ekonomiku marbut mal-attività tagħhom.

33 Barra minn hekk, ir-rwol determinanti ta' wieħed mill-membri ta' waħda mis-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili bħal dawk inkwistjoni fil-produzzjoni tal-inbejjed ta' dawn is-soċjetajiet u fir-rappreżentanza ta' dawn tal-aħħar ma jidhirx li jista' jikkontesta l-konstatazzjoni tal-eżerċizzju indipendenti tal-attivitajiet tagħhom minn dawn tal-aħħar, sa fejn kull waħda minnhom taġixxi f'isimha, għaliha nnifisha u taħt ir-responsabbiltà tagħha.

34 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-Artikolu 4(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva, minn naħa, kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva VAT, min-naħa l-oħra, għandhom jiġu interpretati fis-sens li diversi soċjetajiet irregolati taħt id-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jidhru bħala tali b'mod indipendenti fir-rigward tal-fornituri tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi u, sa ċertu punt, il-klijenti tagħhom, u li kull waħda minnhom għandha l-produzzjoni tagħha stess billi tuża essenzjalment l-mezzi tagħha tal-produzzjoni tagħha, iżda li tikkummerċjalizza ħafna mill-prodotti tagħhom taħt trade mark komuni permezz ta' kumpannija b'kapital azzjonarju, li l-ishma tagħha jinżammu mill-membri ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili kif ukoll minn membri oħra tal-familja kkonċernata, għandhom jitqiesu bħala impriżi indipendenti suġġetti għall-VAT.

35 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domanda.

*Fuq ir-raba' domanda*

36 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 25 tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 296 tad-Direttiva VAT għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux il-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-applikazzjoni tal-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa, prevista f'dawn l-artikoli, lil diversi soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meqjusa bħala impriżi indipendenti suġġetti għall-VAT u li jikkooperaw bejniethom, peress li kumpannija b'kapital azzjonarju, grupp ta' persuni li jikkonsistu minn membri ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili jew grupp ta' persuni li jikkostitwixxu din il-kumpannija b'kapital azzjonarju u membri tal-imsemmija soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili ma jistgħux ikunu suġġett għal din l-iskema, minħabba d-daqs tal-operazzjoni tagħha jew il-forma ġuridika tagħha.

37 Għandu jitfakkar li l-iskema komuni b'rata fissa tal-bdiewa hija skema derogatorja li tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-iskema ġenerali tad-Direttiva tal-VAT u għaldaqstant ma għandhiex tiġi applikata lil hinn min dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tagħha (sentenzi tal-15 ta' Lulju 2004, Harbs, C-321/02, EU:C:2004:447, punt 27; tas-26 ta' Mejju 2005, Stadt Sundern, C-43/04, EU:C:2005:324, punt 27, u tat-8 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-524/10, EU:C:2012:129, punt 49).

38 Fost iż-żewġ għanijiet li għandha din l-iskema, jinsab dak ta' obbligu ta' simplifikazzjoni, li għandu jiġi kkonċiljat ma' dak tal-kumpens għat-taxxa tal-VAT tal-input sostnuta mill-bdiewa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Mejju 2005, Stadt Sundern, C-43/04, EU:C:2005:324, punt 28, u tat-8 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-524/10, EU:C:2012:129, punt 50).

39 Għandu wkoll jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 25(1) tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 296(1) tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri "jistgħu" japplikaw għall-bdiewa skema b'rata fissa jekk il-fatt li jkunu suġġetti għal skema normali ta' taxxa, jew għall-iskema ssimplifikata, jiltaqa' ma' diffikultajiet, b'mod partikolari amministrattivi.

40 Bara minn hekk, mill-kliem tal-Artikolu 25(9) tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 296(2) tad-Direttiva tal-VAT jirriżulta li, minn naħa, l-Istati Membri "jistgħu jeskludu" mill-iskema b'rata fissa ċerti kategoriji ta' bdiewa.

41 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprevedix, b'mod ġenerali, l-esklużjoni tal-iskema b'rata fissa ta' kategorija ta' bdiewa peress li dawn il-bdiewa huma magħquda permezz ta' kollaborazzjoni ekonomika mill-qrib permezz ta' soċjetà ta' kapital jew ta' grupp, bħal dawk imsemmija fil-punt 36 ta' din is-sentenza.

42 Min-naħa l-oħra, dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu li huma esklużi mill-iskema b'rata fissa l-bdiewa li għalihom l-applikazzjoni tal-iskema normali jew tal-iskema ssimplifikata ma għandhiex diffikultajiet amministrattivi.

43 Issa, il-fatt, invokat mill-qorti tar-rinviju, li kumpannija b'kapital azzjonarju, grupp ta' persuni kkostitwit minn diversi membri ta' diversi soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili jew grupp ta' persuni kkostitwit minn dan il-kumpannija b'kapital azzjonarju u l-membri ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili jistgħu ma jkunux suġġetti għall-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa, minħabba d-daqs tagħha jew il-forma ġuridika tagħhom, ma jista' jkollu l-ebda impatt fuq il-qligħ, għal dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, mill-imsemmija iskema, peress li tali fatt ma jippermettix, fih innifsu, li jiġi stabbilit li l-applikazzjoni tal-iskema normali jew tal-iskema ssimplifikata ma jkollhiex, għal dawn tal-aħħar, diffikultajiet amministrattivi.

44 Ikun, madankollu, differenti jekk is-soċjetajiet irregolati bid-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minħabba r-rabtiet tagħhom ma' kumpannija b'kapital azzjonarju jew grupp bħal dawk imsemmija fil-punt 36 iktar 'il fuq, ikunu kapaċi materjalment li jaffaċċjaw il-piżijiet amministrattivi li jimplikaw il-kompiti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-iskema normali jew tal-iskema ssimplifikata, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

45 F'dan il-każ, il-fatt li l-applikazzjoni tal-iskema ta' rata fissa madankollu tkun tali li tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-applikazzjoni tal-iskema tal-VAT ma jistax, għall-kuntrarju, jittieħed inkunsiderazzjoni sa fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa l-iskema ta' rata fissa għall-benefiċċju biss tal-bdiewa li jkunu suġġetti għall-iskema normali tat-taxxa, jew għall-iskema ssimplifikata, li jiltaqgħu ma' diffikultajiet, inklużi dawk amministrattivi.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, għanda tingħata risposta għar-raba' domanda tagħha li l-Artikolu 25 tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 296 tad-Direttiva VAT għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux il-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-applikazzjoni tal-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa, prevista f'dawn l-artikoli, lil diversi soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meqjusa bħala impriżi indipendenti suġġetti għall-VAT u li jikkooperaw bejniethom, peress li kumpannija b'kapital azzjonarju, grupp ta' persuni li jikkonsistu minn membri ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili jew grupp ta' persuni li jikkostitwixxu din il-kumpannija b'kapital azzjonarju u membri tal-imsemmija soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili ma tistax tkun suġġetta għal din l-iskema, minħabba d-daqs tal-operazzjoni tagħha jew il-forma ġuridika tagħha, anki jekk dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili ma jagħmlux parti minn kategorija ta' produtturi esklużi minn din l-iskema b'rata fissa, sakemm huma, minħabba r-rabtiet tagħhom ma' din il-kumpannija jew wieħed minn dawn il-gruppi, materjalment f'pożizzjoni li jistgħu jerfgħu l-piżijiet amministrattivi li jimplikaw il-kompiti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-iskema normali jew tal-iskema ssimplifikata tal-VAT, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.

*Fuq il-ħames domanda*

47 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex, essenzjalment li tiddetermina jekk, fil-każ li l-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa għandha, fil-prinċipju, tiġi eskluża għas-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din l-esklużjoni tapplikax retroattivament, tapplika biss għall-futur jew ma tapplikax għal kollox.

48 Għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ċertezza legali ma jipprekludix li l-awtoritajiet tat-taxxa, waqt it-terminu ta' preskrizzjoni, jagħmlu aġġustament tal-VAT dwar it-taxxa mnaqqsa jew dwar servizzi diġà mwettqa, li kellhom jiġu suġġetti għal din it-taxxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Frar 2014, Fatorie, C-424/12, EU:C:2014:50, punti 47 u 48, kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2015, Cabinet Medical Veterinar Dr. Tomoiagă Andrei, C-144/14, EU:C:2015:452, punt 42).

49 Tali regola għandha tapplika wkoll meta skema li minnha tibbenefika persuna taxxabbli għall-VAT hija kkontestata mill-awtoritajiet tat-taxxa, inkluża għal perijodu preċedenti għad-data li fiha tkun saret tali evalwazzjoni, iżda suġġett għal li l-imsemmija evalwazzjoni sseħħ fit-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-amministrazzjoni, u li l-effetti tagħha ma humiex retroattivi għal data preċedenti għal dik li fiha l-punti ta' liġi u ta' fatt li fuqhom hija bbażata jseħħu.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-awtoritajiet tat-taxxa, l-ewwel, irrikonoxxew il-benefiċċju tal-iskema ta' rata fissa għal diversi soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili ma jistax jinfluwenza r-risposta għad-domanda magħmula peress li l-punti ta' liġi u ta' fatt li fuqhom hija bbażata l-evalwazzjoni l-ġdida ta' din l-amministrazzjoni huma wara dan ir-rikonoxximent u li seħħew fit-terminu ta' preskrizzjoni ta' azzjoni tagħha.

51 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għall-ħames domanda li, fil-każ li l-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa għandha, fil-prinċipju, tiġi eskluża għas-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tali esklużjoni tapplika għall-perijodu preċedenti għad-data li fiha tkun saret tali evalwazzjoni, iżda suġġetta għal li l-imsemmija evalwazzjoni sseħħ fit-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa, u li l-effetti tagħha ma humiex retroattivi għal data preċedenti għal dik li fiha l-punti ta' liġi u ta' fatt li fuqhom hija bbażata jseħħu.

52 Il-każ li l-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa għandha, fil-prinċipju, tiġi eskluża għas-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din l-esklużjoni tapplika għall-perijodu preċedenti għad-data li fiha tkun saret tali evalwazzjoni suġġetta għal li l-imsemmija evalwazzjoni sseħħ fit-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa u li l-effetti tagħha ma humiex retroattivi għal data preċedenti għal dik li fiha l-punti ta' liġi u ta' fatt li fuqhom hija bbażata jseħħu.

**Fuq l-ispejjeż**

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 4(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/66/KE, tas-26 ta' April 2004, minn naħa, u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, min-naħa l-oħra, għandhom jiġu interpretati fis-sens li diversi soċjetajiet irregolati taħt id-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jidhru bħala tali b'mod indipendenti fir-rigward tal-forrnituri tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi u, sa ċertu punt, il-klijenti tagħhom, u li kull waħda minnhom għandha l-produzzjoni tagħha stess billi tuża essenzjalment l-mezzi tagħha tal-produzzjoni, iżda li tikkummerċjalizza ħafna mill-prodotti tagħhom taħt trade mark komuni permezz ta' kumpannija b'kapital azzjonarju,**

**li l-ishma tagħha jinżammu mill-membri ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili kif ukoll minn membri oħra tal-familja kkonċernata, għandhom jitqiesu bħala impriżi indipendenti suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud.**

2) **L-Artikolu 25 tas-Sitt Direttiva 77/388 u l-Artikolu 296 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux il-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-applikazzjoni tal-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa, prevista f'dawn l-artikoli, lil diversi soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meqjusa bħala impriżi indipendenti suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jikkooperaw bejniethom, peress li kumpannija b'kapital azzjonarju, grupp ta' persuni li jikkonsistu minn membri ta' dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili jew grupp ta' persuni li jikkostitwixxu din il-kumpannija b'kapital azzjonarju u membri tal-imsemmija soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili ma tistax tkun suġġetta għal din l-iskema, minħabba d-daqs tal-operazzjoni tagħha jew il-forma ġuridika tagħha, anki jekk dawn is-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili ma jagħmlux parti minn kategorija ta' produtturi esklużi minn din l-iskema b'rata fissa, sakemm huma, minħabba r-rabtiet tagħhom ma' din il-kumpannija jew wieħed minn dawn il-gruppi, materjalment f'pożizzjoni li jistgħu jerfgħu l-piżijiet amministrattivi li jimplikaw il-kompiti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-iskema normali jew tal-iskema ssimplifikata tat-taxxa fuq il-valur miżjud, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.**

3) **Fil-każ li l-iskema komuni b'rata fissa għall-bdiewa għandha, fil-prinċpju, tiġi eskluża għas-soċjetajiet irregolati mid-dritt ċivili, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tali esklużjoni tapplika għall-perijodu preċedenti għad-data li fiha tkun saret tali evalwazzjoni suġġetta għal li l-imsemmija evalwazzjoni sseħħ fit-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa u li l-effetti tagħha ma humiex retroattivi għal data preċedenti għal dik li fiha l-punti ta' liġi u ta' fatt li fuqhom hija bbażata jseħħu.**

Firem